# Aħbar Tajba



Is 61, 1-2a. 10-11
Lq 1, 46-48.49-50.53-54
1Tess 5, 16-24
Ġw 1, 6-8.19-28

**"F'nofskom hemm dak**
li intom ma tafuhx."

Ġieli qgħadt bilqiegħda barra tilgħab fid-dawl tax-xemx? Kull ma trid hi mera li trid iżżommha fix-xemx u hekk tkun tista' tirrifletti r-raġġi tagħha permezz tal-mera. Tista' tużaha anke biex iddawwal xi post fejn mhux qed jaslu r-raġġi tax-xemx bħal, ngħidu aħna, taħt siġra; jew timmira r-raġġi fuq xi ħajt.

Min ikun qed iżomm il-mera, ma jistax jgħid li hu d-dawl innifsu, imma qed iwassal id-dawl fejn ma hemmx, u forsi fejn hemm bżonnu – kull ma qed jagħmel hu li qed jirrifletti d-dawl.

Tajjeb li ngħidu li min qed jirrifletti d-dawl għandu żewġ affarijiet li jrid iżomm quddiem għajnejh:
1. Il-mera irid iżommha tħares lejn ix-xemx. Jekk il-mera ma tkunx eżatt quddiem ix-xemx, il-mera ma tistax tirrifletti d-dawl tagħha.
2. Ma jista' jkun hemm xejn bejn il-mera u x-xemx. Kif tidħol xi ħaġa bejn il-mera u x-xemx, il-mera ma tkunx tista' tirrifletti d-dawl tax-xemx. Jekk tidħol xi sħaba fin-nofs, din se tgħatti d-dawl tax-xemx u jista' jkollok l-aqwa mera għax ma jirnexxilekx.

Ftakart f'din il-logħba għax l-Evanġelju tal-lum isemmilna personaġġ li kien eżatt bħall-mera li qed insemmu. Qed nitkellem fuq Ġwanni l-Għammied. Ġwanni kien qisu mera li qed iwassal id-dawl. Ġwanni qatt ma qal li hu kien il-mistenni Messija, imma bħalma mera twassal id-dawl, Ġwanni kien qed iwassal il-messaġġ ta' Ġesù. Biex jagħmel dan sewwa, Ġwanni għex ħajja li biha kien ċert li xejn ma jgħattilu jew jaħbilu lil Ġesù. Fis-skiet tad-deżert, fejn kien jgħix, ma kien hemm xejn li seta' jaħbilu d-dawl ta' Ġesù, u tant kien mera tajba li n-nies ħasbuh li hu l-Messija! X'unur, hux veru, jekk xi ħadd jaħseb li meta jara lilek ikun qed jara lil Ġesù?!

Bħal Ġwanni, ħafna kienu n-nies li ddedikaw ħajjithom biex iwasslu lil Ġesù lill-oħrajn. Fost dawn insibu lill-Kurat ta' Ars, San Ġwann Marie Vianney, li mijiet ta' nies kienu jmorru fir-raħal żgħir tiegħu biex jisimgħuh jgħallem fuq Ġesù. Tgħidx kemm nies bidlu ħajjithom għax laqtithom xi kelma li semgħu mingħandu. Darba kien hemm wieħed li stqarr li kien "ra lil Alla fi bniedem", tant kemm kien jitkellem b'konvinzjoni.

Ejjew fil-jiem li ġejjin, aħna wkoll nirriflettu kif nistgħu d-dawl ta' Ġesù ma' dawk li niltaqgħu magħhom b'mod speċjali ma' sħabna u mal-familja tagħna.

# Il-Presepju ta' San

Pinġi din l-istampa t'hawn taħt kif San Franġisk ta' Assisi għamel



# Franġisk ta' Assisi

l-ewwel presepju ħaj fil-lejl tal-Milied fir-raħal ċkejken ta' Greccio.



## Is-Siġra tal-Milied

Is-siġra tal-Milied hi waħda mill-aktar drawwiet popolari tal-Milied. Iżda minn fejn bdiet din id-drawwa u xi tfisser? Is-siġar li jħaddru matul is-sena kollha ilhom jissimbolizzaw it-twelid mill-ġdid minn żminijiet imbiegħda. F'diversi kulturi dawn is-siġar fid-djar, kienu simbolu tal-ħajja.

L-ewwel persuna li użat siġra biex tiddekora għall-Milied, u allura l-ewwel siġra tal-Milied, kien dak li beda l-Komunitajiet Protestanti, Martin Luther. Skont kif jingħad, lejl wieħed ra siġra taż-żnuber li minn qalb il-friegħi tagħha kien jidher id-dawl tal-kwiekeb ileqqu. Tant kemm issaħħar b'din il-veduta, li ħa siġra miegħu id-dar u żejjinha b'xi xemgħat biex ikun jista' jaqsam dak li ra, ma' wliedu.

### Din il-Ġimgħa...

**Drawwa pjuttost popolari marbuta mas-siġra hi dik li fil-jiem ta' qabel il-Milied, il-familja tibda tħalli r-rigali taħt is-siġra. Imbagħad il-Milied filgħodu l-familja tinġabar flimkien u tiftaħ ir-rigali kollha. Tajjeb li fil-jiem li fadal taħseb ftit f'xi rigal sabiħ li tista' tixtri lil dawk li jieħdu ħsiebek. M'hemmx għalfejn affarijiet li jiswew wisq flus. Il-fatt li ftakart fihom tfisser diġà ħafna. Importanti li naħsbu ftit f'xi ħaġa li tassew japprezzaw, xi ħaġa li tgħoġobhom. Jekk trid tista' tiftiehem ma' ħutek biex tixtru xi ħaġa flimkien.**



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





### Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION